# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 487/2018 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**RBW**
**Vs**
**AW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RBW, datat 31 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti li tinsab f'Amtsgericht Stade (Familiengericht) gewwa Stade, il-Germanja, aktar il-quddiem maghrufa bhala l-Qorti estera, liema sentenza nghatat nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) fl-ismijiet ta' RBW vs AW kopja awtentika u traduzzjoni awtentika tas-sentenza qeghidn jigu hawn annessi u mmarkati bhala* ***'dok A'*** *u* ***'dok B'*** *, gie ppronunzjat d-divorzju versu l-istess partijiet;*

2. *Illi l-esponenti qieghda tadixxi dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza tal-qorti estera fl-ismijiet suriferiti;*

3. *Illi s-sentenza surriferita ghaddiet in gudikat, u ghandha tigi rikonoxxuta u reza ezegwibbli hawn Malta, u dan ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) dwar il-****Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilit tal-***

***genituri** li japplika direttament f'Malta, kif ukoll abbazi tal-Artikoli 825A sa 828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

4. *Illi ghalhekk skont l-artiklu 21 tar-Regolament 2201/2003, sentenza moghtija fi Stat membru u ezegwibbli f'dak l-Istat ghandha tigi ezegwita fi Stat Membru iehor, meta, fuq l-applikazzjoni ta' parti interessata, din tkun gie dikjarata ezegwibbli hemmhekk;*

5. *Illi tali sentenza hija ezegwibbli ai termini tac-certifikat fil-forma ta' Annex I tal-imsemmi Regolament tal-kunsill (KEE) Nru 2201/2003 mahrug mill-Qorti ta' Amstgericht Stade, li tinsab gewwa Stade, il-Germanja, kopja hawn annessa u mmarkata **'dok C'.***

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghda titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalunkwe provvediemnt u/jew dispozizzjoni li din il-Qorti joghgobha:*

1. *Tirrikonoxxi s-sentenza ta' divorzju moghtija mill-Qorti estera fl-ismijiet RBW vs AW moghtija nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999);*

2. *Tiddikjara l-imsemmija decizjoni enforzabbli u ezegwibbli kontra l-intimat;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza intavolata ai termini tar-Regolament tal-Kunsill numru 2201/2003 tal-2003 u d-disposizzjoni tat-Titolu V tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rigward l-esekuzzjoni ta' sentenzi ta' tribunal esteri.

Il-Qorti rat illi giet moghtija sentenza ta' divorzju minn Stade District Court fil-Germanja fil-

konfront tal-partijiet fl-10 ta' Novembru 1999. Il-Qorti taghraf illi l-partijiet kienu t-tnejn dehru ghall-proceduri quddiem il-Qorti Germaniza, u kienu rapprezentati minn avukat difensur. Il-Qorti taghraf ukoll illi ma jirrizultax illi s-sentenza li taghha r-rikorrenti qed titlob ir-rikonoxximent u dikjarazzjoni li hija enforzabbli u esegwibbli fiha xi disposizzjoni kontrarja ghall-ordni pubbliku jew ghall-ligi pubblika interna ta' Malta. Il-Qorti rat illi ma jirrizultax lanqas illi din is-sentenza hija irrikonciljabbli ma xi sentenza ohra moghtija qabel l-oghti tas-sentenza in kwistjoni.

Il-Qorti tqis illi ma jezisti l-ebda impediment sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement tirrikonixxi s-sentenza ta' divorzju moghtija mill-Qorti estera fl-ismijiet RBW vs AW moghtjia nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999), u tiddikjara l-imsemmija decizjoni enforzabbli u ezegwibbli kontra l-intimat.**

**Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**